**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 18 ta' Settembru 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Leon Lee Zammit**

Kumpilazzjoni nru. 688/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Leon Lee Zammit**, iben missier mhux magħruf u Maria Pia Zammit, imwieled il-Pieta nhar il-15 ta' Ottubru 1999 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 351099M

Akkużat talli, fit-28 ta' Awwissu għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15) u d-disgħa ta' bil-lejl (21:00) ġewwa Triq id-Dejma, Tarxien, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' *motor cycle* tal-għamla Kymco bil-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni LQZ690 għad-dannu ta' Sean Vella u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita` jew entitajiet oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin stante li s-serqa ġiet kommessa fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku jew fuq parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo dik il-vettura, u dan ai termini tal-artikolu 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda mil-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-

digriet tagħha ta' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) li bih tatu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2022) mill-Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta r-reati hawn addebitati lilu, li għalihom hemm kontemplat piena ta' priġunerika, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.
5. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai fini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-imputat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15A, 23, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi.

Rat illi waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2024 l-imputat debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem, bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat illi fit-13 ta' Settembru 2024, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi fl-akkuzi ma giex indikat l-annu ta' meta allegatament gew komessi ir-reati mertu tal-proceduri odjerni.

Rat id-digriet taghha mghoti illum stess, permezz ta' liema cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex issir korezzjoni fl-akkuzi;

Semghat it-trattazjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi d-data ta' meta allegatament seħħew ir-reati in kwistjoni mhijiex kompluta, u dan ma ġiex indikat l-annu. Id-difiża ssottomettiet li minħabba f'hekk allura il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u dan minkejja l-ammissjoni tiegħu. Id-difiża targumenta illi skont il-ġurisprudenza dan l-iżball tekniku għandu jwassal għall-liberatorja tal-imputat għaliex id-data hija waħda mir-rekwiżiti ewlenin u ma tistax tingħata sentenza fuq data ineżistenti. Id-difiża tikkontendi li l-ammissjoni mhijiex attendibbli għaliex saret fuq data mhux magħrufa u għaliex ma tistax tiġi aċċettata.

Minn naħa tagħha l-prosekuzzjoni targumenta illi semmai allura għandha tiġi annullata l-ammissjoni.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw….."*

B'referenza għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godwin Agius** deċiża fid-9 ta' Jannar 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:*
>
> *"'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti*

*inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hem funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."*

*"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:*

*"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.*

*"'.....*

*"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

*"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Schembri moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:*

*"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"*

*7. Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-hin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in*

> *kwistjoni meta tghid "f'dawn l-ahhar gimghat" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda."*

Il-Qorti tosserva li filfatt f'din is-sentenza appena ċitata l-akkużi ma semmewx la sena u lanqas data preċiża iżda użaw il-kliem "f'dawn l-aħħar ġimgħat" u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din l-indikazzjoni kienet biżżejjed biex l-imputat jifhem għal liema incident qed jirreferu l-akkużi u li għalhekk l-elementi meħtieġa skont l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienu ġew sodisfatti. Fuq l-istess linja ta' ħsieb, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Borg** deċiża fis-27 ta' Lulju 2016 kienet ukoll ikkonsidrat li dawn ir-rekwiżiti kienu ġew sodisfatti f'każ fejn fl-akkużi ma kinitx ġiet indikata s-sena ta' meta allegatament ġew kommessi r-reati mertu tal-kawża, wara li kkonsidrat hekk:

> "Illi f'dan il-kaz kif diga' inghad id-difiza ma ssollevatx dan in-nuqqas ta' indikazzjoni tas-sena. Mill-atti jemergi ben car ghal-liema sena jirreferu l-allegati reati kemm inkwantu ghax-xhieda prodotta kif ukoll iz-zewg certifikati medici li gew ezebiti kif ukoll l-okkorrenza. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat kien jaf ben tajjeb biex kien qieghed jigi akkuzat tant li din il-kawza kienet assidwament kontestata mid-difiza u saru anki kontro-ezamijiet serrati. Inoltre' f'dan il-kaz m'ghandnix kwistjoni li kien hemm indikazzjoni ta' sena zbaljata bhalma gara fil-kaz succitat ghaliex naturalment f'dak il-kaz il-kunsiderazzjonijiet li riedu jsiru setghu kienu differenti, izda fil-kaz odjern is-sena thalliet kompletament barra. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tipprocedi bil-kaz."

Bl-istess mod f'dan il-każ ukoll id-difiża ma ssollevatx in-nuqqas ta' indikazzjoni tas-sena, u filfatt kellha tkun il-Qorti stess li qajjmet dan in-nuqqas meta kienet qed teżamina l-atti f'punt meta l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza wara l-ammissjoni sħiħa w inkondizzjonata tal-imputat. Wara li rat l-atti, u semgħet it-trattazzjoni li kienet saret mid-difiża dwar il-piena, il-Qorti ma taqbilx mad-difiża illi l-ammissjoni tal-imputat hija inattendibbli u ma tistax tiġi aċċettata. Fil-fehma tal-Qorti, mill-atti jirriżulta ċar li l-imputat qatt ma kellu xi dubju fuq is-sena li għaliha jirreferu l-allegati

reati. Dan ikkonsidrat l-istqarrija rilaxxata minnu, li kopja awdjo-viżiva tagħha ġiet preżentata in atti u eżaminata mill-Qorti, u wkoll ikkonsidrat illi l-imputat saħanistra irritorna lura r-*res furtiva* ossia il-mutur mertu tal-ewwel akkuża. Barra minn hekk il-Qorti tosserva li l-*istills* mic-CCTV footage li jinsabu esebiti a *fol* 14 *et seq* huma *time-stamped* u jindikaw id-data sħiħa, u ċioe 28 ta' Awissu 2024, u l-imputat jidher ċar fihom partikolarment ikkonsidrat illi fihom l-imputat jidher liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes meta ittieħdu r-ritratti tiegħu mill-pulizija, li jinsabu esebiti a *fol* 13 *et seq,* u dan kif jidher b'mod partikolari mit-tieni ritratt a *fol* 14, l-ewwel ritratt a *fol* 14D, it-tieni ritratt a *fol* 14E, u r-ritratti a *fol* 14I. L-awtentiċita ta' dawn l-*istills* ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata mill-imputat li għażel li jirreġistra ammissjoni mingħajr l-ebda riserva għall-awtentiċita u l-attendibilita tagħhom, jew xi kontestazzjoni li dawn l-*istills* juru proprju lilu. Inoltre, mhux biss l-imputat għażel li jammetti, waqt li kien assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, iżda wkoll kkonferma din l-ammissjoni wara li ngħata żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu, u fl-ebda ħin ma tqajmet xi kwistjoni mid-difiża dwar inċertezza fuq is-sena għal liema jirreferu l-akkużi odjerni. Dan tant illi waqt it-trattazzjoni fuq il-piena, l-avukat difensur tal-imputat proprju offriet ir-raġuni li kienet wasslet lill-imputat sabiex jieħu l-mutur in kwistjoni, u ċioe biex jasal ix-xogħol, li aktar u aktar tkompli twassal lil Qorti għaċ-ċertezza morali li l-imputat fehem ben tajjeb għal liema sena jirreferu l-akkużi odjerni, u ċioe għas-sena 2024 kif jirriżulta mill-atti. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-imputat jista' jinstab ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, fuq l-ammissjoni tiegħu stess.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena**

Dwar l-għan tal-piena inflitta fi proċeduri penali il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk Maalem Abderrahmane Lazhari Zamouche** deċiża fit-22 ta' Ottubru 2019 fejn intqal hekk:

> "Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a)Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb

għall-azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita ' tagħha.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista 'tingħata toħloq f 'moħħ is-soċjeta, b 'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t 'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta 'natura ġenerali u l-ieħor ta 'natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b 'mod li darb 'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b' konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b' konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas- soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata 'mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b' mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu,

> inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b 'eghmilu F' dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikaċja repressiva."

Fir-rigward tal-**<u>ewwel u l-ħames imputazzjonijiet</u>**, il-Qorti rat li mill-fedina penali tal-imputat jidher li minkejja l-eta pjuttost żgħira tiegħu huwa diġa nstab ħati ta' serq aggravat ħames darbiet bejn l-2019 u l-2023, f'kawżi li kienu jitrattaw komplessivament bejn tlettax -il serqa differenti, inkluż numru ta' serqiet li ġew kommessi waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation u/jew sentenza sospiża. Jidher li f'dawn il-kawżi il-Qrati użaw il-mezzi kollha disponibbli fil-liġi biex jgħinu lill-imputat jirriforma ruħu. Kull darba l-imputat kien jerġa jingħata ċans ieħor sabiex jaqbad it-triq it-tajba billi, ma kull sejbien sussegwenti ta' ħtija, is-sentenza sospiża jew ordni ta' probation li l-kondizzjonijiet tagħhom ikun kiser bil-kommissjoni ta' reat ieħor waqt iż-żmien operattiv tagħhom kienu qed jiġu mġedda, bla dubbju bil-għan li l-imputat jagħraf jirriforma ruħu. Minflok jidher li l-imputat m'għamel xejn minn dan u ma tgħallem xejn mid-diversi esperjenzi li diġa kellu quddiem il-Qorti. Filfatt, fit-trattazzjoni dwar il-piena id-difiża issottomettiet li l-imputat m'għandux jingħata piena karċerarja għaliex ir-reat in kwistjoni ġie kommess minħabba li l-imputat trabba ġo familja fejn is-serq kien normali u li ordnijiet ta' probation u/jew superviżjoni mhumiex iservu l-iskop tagħhom għaliex ma jkunx hemm biżżejjed superviżjoni attwali. Filwaqt li l-Qorti tifhem illi t-trobbija ta' persuna taffetwa b'mod sostanzjali il-mod kif hija tgħix ħajjitha, għandu jingħad li l-imputat m'għadux xi tifel żgħir u kkonsidrat kemm il-darba deher quddiem il-Qorti fuq reat ta' serq żgur li s'issa kellu jitgħallem u jagħraf li s-serq mhux biss mhuwiex normali iżda anzi huwa delitt u prova jieħu passi sabiex jirriforma ruħu, speċjalment issa li sar missier. Huwa ċar li l-imputat għadu ma għarafx jitgħallem jassumi r-responsabbilta ta' għemilu u jgħaraf li hu għandu jagħmel il-parti tiegħu biex jirriabilita lilu nnifsu.

Din il-Qorti ma taqbilx mad-difiża li m'għandux ikun hemm piena karċerarja effettiva f'dan il-każ. L-ewwel nett, huwa ċar li l-imputat s'issa ma kienx kapaċi jirriforma ruħu, u din il-Qorti tispera li l-ambjent magħluq u strutturat tal-ħabs jinstwara fl-imputat id-dixxiplina li jeħtieġ sabiex jirriforma ruħu u jgħinu jibdel ħajtu għal benefiċċju mhux biss tiegħu iżda ta' uliedu. Inoltre, l-Qorti tosserva li kkonsidrat li l-imputat ser ikun qiegħed jinstab ħati bl-addebitu ta' reċediva l-imputat ma jistax jingħata piena ta' priġunerija sospiża. Imbagħad, skont l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ordni ta' probation jew liberta assoluta jew kondizzjonata jistgħu jingħataw biss jekk, *inter alia,* ikunu adattati tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż il-karattru tal-ħati. Ikkonsidrat il-fedina penali tal-imputat il-Qorti u l-konsiderazzjonijiet appena magħmula tqis li dawn is-sanzjonijiet mhumiex adattati fiċ-ċirkostanzi għaliex ma jidhirx li s'issa kienu biżżejjed sabiex jgħinu lill-imputat jirriforma ruħu. Għalhekk il-Qorti tqis li m'għandhiex triq oħra ħlief li tinfliġġi piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni issottomettiet li l-piena karċerarja li għandha tiġi imposta għandha tkun lejn il-minimu, ikkonsidrat il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija, il-fatti li diġa rritorna l-mutur lill-vittma u l-ammissjoni bikrija tiegħu. Il-Qorti taqbel mal-prosekuzzjoni, u ser tinfliġġi piena qrib il-minimu tagħha, partikolarment in vista tal-fatt li diġa saret restituzzjoni lill-vittma. F'dan ir-rigward il-Qorti tikkjarifika li in vista tal-imputazzjonijiet u l-fedina penali tal-imputat, il-piena ma tistax tiġi inflitta kompletament fil-minimu peress illi skont l-artikolu 278(1) il-piena f'dan il-każ ma tistax tingħata fil-minimu tagħha. Inoltre, l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li skont l-artikolu 278(1) il-piena għandha tiżdied bi grad, filwaqt li bl-applikazzjoni tal-artikolu 289(1), peress li din hija is-sitt kundanna tal-imputat għad-delitt ta' serq, il-piena għandha tiżdied minn grad sa tlett gradi. Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl ukoll tal-addebitu tar-reċediva, il-Qorti tqis li l-piena idoneja, għandha tkun ta' sena priġunerija effettiva.

Fir-rigward tat-**<u>tieni imputazzjoni</u>** il-partijiet qablu li l-piena idoneja tkun ta' multa u mhux ta' priġunerija. Ikkonsidrat li din mhijiex l-ewwel darba li l-imputat qiegħed jinstab ħati li kiser xi kundizzjoni imposta mill-Qorti f'digriet li bih tatu l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, il-Qorti tqis li din il-multa m'għandhiex tiġi erogata fil-minimu tagħha. Għaldaqstant l-imputat ser jiġi kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500). Fir-rigward tal-konfiska tas-somma stabbilita bħala garanzija għall-osservanza tal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti, din il-Qorti, filwaqt li tagħraf li tali hija konfiska hija mandatorja skont il-liġi, tosserva li din il-konfiska ma tistax tiġi ordnata peress li kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tad-29 ta' Diċembru 2023 ma ġietx esebita in atti u għalhekk il-Qorti ma tafx jekk saritx tali garanzija u wisq anqas kemm kien l-ammont li għandu jiġi kkonfiskat.

Il-prosekuzzjoni issottomiet li fir-rigward tat-**<u>tielet imputazzjoni</u>** il-Qorti għandha ġġedded l-Ordni ta' Probation indikat f'dik l-imputazzjoni u d-difiża qablet ma' din is-sottomissjoni. Il-Qorti tqis li dak argumentat mill-prosekuzzjoni pero huwa legalment insostenibbli peress li kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dante Buhagiar** deċiża fit-28 ta' Ottubru 2021 "...din il-miżura mhix preskritta u permessa taħt dak l-artikolu" u ċioe l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' reat kommess matul il-perjodu ta' *probation*, u ladarba tressaq quddiem l-istess Qorti, din il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista'tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat." Dwar it-tifsira ta' din il-kelma "tista" il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Ġunju 1999 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "L-uzu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried

> ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."

B'referenza għall-din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi**, ċitata *supra*, qalet hekk:

> "12. Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) talKap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m'ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skond dik ta' l-artikolu 23(1)(b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht probation. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati."

L-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza ċitata hija aċċetta u għadha tiġi applikata anke fil-ġurpisprudenza anke riċenti tal-Qrati nostrana (ara per eżempju: **Il-Pulizija vs Omissis** (appell numru: 565/2016) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2023) u din il-Qorti tagħmilha tagħha f'din is-sentenza. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex titratta mal-imputat għar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur, lok u ħin kommess fit-28 ta' Settembru 2020 li kien instab ħati tiegħu fit-30 ta' Mejju 2022, liema sejbien ta' ħtija kien ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2022, u li fir-rigward ta' liema l-imputat kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation indikat fit-tielet imputazzjoni fil-kawża odjerna.

Dwar il-piena idoneja, il-Qorti tosserva li skont l-artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija prekluża mill-possibilita illi tqiegħed lill-imputat taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu. Inoltre, fid-dawl tal-artikolu 28A(7)(b) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ma jistax lanqas jingħata terminu ta' priġunerija sospiża bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A(1), peress illi fis-sentenza msemmija mhux biss instab ħati bl-addebitu tar-reċediva iżda wkoll li kkommetta r-reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation.

Illi għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra ħlief li timponi piena ta' priġinerija effettiva fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija datat 30 ta' Mejju 2022 u kkonfermat fit-22 ta' Novembru 2022, u dan minkejja dak maqbul bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża dwar il-piena idoneja fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni. Del resto, il-Qorti lanqas tqis li dan ikun idoneju, ikkonsidrat kemm ħela opportunitajiet l-imputat biex jirrabilita ruħu u jibda` fuq it-triq it-tajba, kif diġa spjegat aktar il-fuq f'din is-sentenza. Il-Qorti rat inoltre illi b'applikazzjoni tal-artikolu 278(1) il-piena għandha tiżdied bi grad u ma tistax tingħata fil-minimu tagħha, filwaqt li bl-applikazzjoni tal-artikolu 289(1), peress li s-sentenza msemmija kienet diġa ir-raba` kundanna għad-delitt ta' serq, il-piena għandha tiżdied minn grad sa tlett gradi. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lill-imputat għal perjodu ulterjuri ta' sena priġunerija fir-rigward ta' dan is-sejbien ta' ħtija.

Fir-rigward tar-**<u>raba` imputazzjoni</u>** il-Prosekuzzjoni issottomettiet li in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ u partikolarment in vista tal-fedina penali tal-imputat, il-Qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża tat-23 ta' Frar 2023 tibda sseħħ, filwaqt li d-difiża argumentat li l-Qorti għandha tuża s-setgħat diskrezzjonali tagħha sabiex ma ġġibx fis-seħħ din is-sentenza sospiża, partikolarment għaliex l-imputat m'għandux jingħata piena karċerarja effettiva f'dawn il-proċeduri issa li sab xogħol u għandu żewġ itfal żgħar x'imantni. Wara li kkonsidrat l-argumenti miġjuba mill-partijiet u c-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tqis li m'hemmx raġunijiet li jiġġustifikaw li l-Qorti tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa tal-paragrafi (a) u (b) tat-tieni sub-inċiż tal-artikolu 28B.

Mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta li l-ewwel darba li huwa kien ingħata sentenza sospiża kien permezz tas-sentenza datata 6 ta' Novembru 2019, f'liema sentenza kien ġie kkundannat għal sentenza ta' priġunerija ta' sentejn sospiża għal erba` snin. Jirriżulta li inqas minn sena wara din is-sentenza, u ċioe fit-28 ta' Settembru 2020, l-imputat reġa kkommetta reat ta' serq ieħor, iżda l-Qorti tagħtu opportunita oħra sabiex jaqbad it-triq it-tajba u użat is-setgħat diskrezzjonali tagħha biex minflok ġabet fis-seħħ dik il-piena karċerarja ordnat li s-sentenza sospiża terġa tibda minn dakinhar tas-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2022. L-imputat imbagħad reġa instab ħati ta' żewġ delitti ta' serq kommessi f'Ottubru 2020, bl-addebitu tar-reċediva, u ġie kkunndannat għal sentejn priġunerija sospiża għal tlett snin permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 23 ta' Frar 2023, li filfatt hija dik li ssir referenza għaliha fil-ħames imputazzjoni, minkejja li r-reat in kwistjoni ġie wkoll kommess waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża mġedda fis-sentenza tat-30 ta' Mejju 2022.

Fid-dawl ta' dan għalhekk din il-Qorti ma tista` ssib l-ebda ġustifikazzjoni biex tonqos milli tordna li tiġi fis-seħħ is-sentenza sospiża imposta fit-23 ta' Frar 2023. L-imputat kien diġa l-benefiċċju tad-dubju u l-opportunita li jirriabilita ruħu anke billi ma kinitx ġiet ordnata li tiġi fis-seħħ sentenza sospiża iżda dan kien kollu ta' xejn. Kif intqal aktar il-fuq l-imputat ħela kull opportunita li ngħata biex jaqbad it-triq it-tajba, u minflok qisu fehem, erronjament, li m'hemmx riperkussjonijiet għall-ksur tal-liġi. La l-fatt li sab xogħol u lanqas li sar missier ma jidher li għen lill-imputat biex jaqbad it-triq it-tajba u għalhekk ftit li xejn dawn il-fattur jistgħu iwasslu għal xi mitigar tal-piena. Għaldaqstant il-Qorti ser tkun qed tordna li s-sentenza sospiża indikata f'din l-imputazzjoni tibda sseħħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c),(f) u (g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280, 289(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel u l-ħames imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija effettiva.

Wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500).

Wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, u qed tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Novembru 2022 daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull buon fini tikkonferma l-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation magħmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 261(b),(c), (e) u (f), 263 (a), 267, 269(c), 270, 278(3), 279(a), 281(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għal perjodu ulterjuri ta' sena priġunerija effettiva, li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawk il-proċeduri.

Wara li rat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tar-raba` imputazzjoni u tordna li s-sentenza ta' sentejn ħabs imposta u sospiża permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Frar 2023 għandha tibda sseħħ.

Għal finijiet ta' kjarezza, il-ħati għandu għalhekk jagħmel perjodu globali ta' erba` (4) snin priġunerija effettiva.

Peress illi jirriżulta li l-imputat diġa irritorna l-mutur misruq minnu, u peress illi ma ġew maħtura l-ebda esperti in konnessjoni ma' din il-kawża, il-Qorti tasjteni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-artikolu 15A, 23, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur